# 317. Jupiter

Jupiter, għalkemm alla
u l-akbar fost l-allat,
la tgħidx kemm għamel praspar,
u kemm kellu frugħat!

Mis-sema lil missieru
qaċċat biex sar il-kbir;
ma' Juno u nisa oħra
tgħidx x'għamil ta' praspir!

U mela bl-illeġittmi
is-sema, l-art, l-infern,
iżda kollha sabilhom
xi post tajjeb mal-gvern.

Iżda l-akbar praspura
meta ta' ras uġigħ
qabdu bil-kbir, u sejħu
lil kull tabib ta' ġieħ,

u dawn għamlu dijanjosi
t'emikranja qalila,
u ssuġġerewlu jieħu
vaganza naqra twila.

Kienu qalu ħmerija!
għax l-uġigħ beda jżid,
dik rasu kienet ħobla,
u twieldet wara ftit

Minerva, mara kbira
tal-gwerra fil-armar,
alla tal-għerf, tistudja
u tgħarbel lejl u nhar!

U wara dawn il-praspar
beda jitfa' s-sajjetti
fuq tempji u fuq irziezet
qishom kienu konfetti.

'Mma b'dana kollu l-poplu
ta' Ruma dejjem ġieħ
ta 'l Jupiter u qima
u bnielu tempji sbieħ!